MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Numru. 272/2006

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Matthew Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Matthew Borg, ta' 16-il sena, imwieled Pieta f'17 ta' Gunju 1987, iben Joseph u Simone nee Cesareo, residenti Flat 1, Central Crt. Triq ta' l-Ibragg Swieqi, detentur tal-karta ta' l-identita ID 276987(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Gunju 2004:

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet t-trattazzjoni tal-partijiet illum stess.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza hemm divergenza sostanzjali bejn il-verzjoni tal-prosekuzzjoni u dik ta' l-imputat.

WPS86 Diane Fenech xehdet li dak in-nhar ta' l-incident kienet xoghol extra duty f'party Hal-Far flimkien ma' WPS 45, u osservaw lill-imputat flimkien *"mat-tfajla tieghu"* nezlin minn go van barra l-party u innutawhom jahbu xi haga wara cint. Marru jiccekjaw x'kienet, waqqfu lill-imputat u lit-tfajla tieghu, u meta marru jfittxu wara c-cint sabu pakkett sigaretti li kien fih xi pilloli ecstacy u bicca resina tal-cannabis. WPS 45 ma xhedietx. L-espert mahtur mill-Qorti, l-ispizjar Mario Mifsud, ikkonferma li s-

sustanzi li instabu kienu fil-fatt 4.5 grammi resina tal-cannabis u 4 pilloli ecstacy.

Min-naha l-ohra l-imputat, fl-istqarrija tieghu moghtija a tempo vergine lill-ispettur qal li hu kien mar ma 4 shabu guvintur bil-bus ghal party f'Hal Far. Qabel dahlu l-party, marru jaghmlu l-bzonnijiet taghhom ma' hajt. Hu innega li tefa' l-pakkett tas-sigaretti fuq il-hajt, u innega wkoll li kien jabbuza minn xi droga. Il-verzjoni tieghu giet korraborata mix-xhieda Nicholas Scicluna, Andrew Forace, Dirk Scerri u Daniel Cauchi, li kollha kienu fil-kumpanija ta' l-imputat, u marru hdejn il-hajt ghall-istess ragunijiet ma' l-imputat, u kienu hdejn l-imputat meta waqqfuh il-pulizija. Dawn ix-xhieda kollha qalu li ma raw lill-imputat ipoggi xejn fuq il-hajt.

L-imputat ikkonferma dak li qal fl-istqarrija tieghu fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Huwa zied jghid li hdejn il-hajt kien hemm diversi nies ohra, min mar jinqeda bhalhom u min mar jinnamra, u li f'dik in-naha kien hemm dlam cappa.

Apparti x-xhieda ta' WPS86, mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi tfajla fil-kumpanija ta' l-imputat jew ta' dawn il-guvinutur. Fil-fatt, l-ebda tfajla ma telghet tixhed f'dawn il-proceduri. In oltre fix-xhieda tieghu, l-ufficjal prosekutur xehed hekk: *"Ara jiena ghandi hawn hekk li he was in the company of 5 other subjects, Dirk Scerri, Nicholas Scicluna, Forace Andrew u Cachia Daniel."* Illi inoltre, skont ix-xhieda stess ta' WPS86, ghalkemm xiehdet li rat lill-imputat jahbi xi haga wara c-cint, ma kienitx f'posizzjoni li tara idejn l-imputat biex tara x'allegatament heba u qatt ma rat il-pakkett tas-sigaretti f'idejh. Kif inghad mill-provi jirrizulta li kien hemm diversi nies ohra hdejn dan il-hajt jew cint u kien dlam cappa. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax teskludi li dan il-pakkett sigaretti tpogga fuq dan il-hajt minn terzi persuni.

Fid-dawl ta' dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii), u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22/1985 issib lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------